# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Alla Jaħdem fl-Istorja**

**Lezzjoni 2.7: Kienu kbar tassew**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu xi tfisser tkun qaddis.
2. Jisimgħu dwar l-Isqof Romero u Jim Elliot.
3. Jifhmu l-ġid li għamlu għall-knisja u għad-dinja dawn il-persuni.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- *Powerpoint*: bil kelma 'Suċċess'.
- Vidjo Klipp: Storja ta' Charles Lwanga

  http://www.youtube.com/watch?v=hIb4y0egkHA
- Vidjo Klipp: Jim Elliot

  http://www.youtube.com/watch?v=0HAwszGcjIl
- Diska: God will find a way
- http://www.youtube.com/watch?v=1zo3fJYtS-o

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Ibda l-lezzjoni billi turi l-*powerpoint* bil-kelma "Suċċess". Agħmel taħriġ *brainstorming* dwar din il-kelma.
- Oħroġ il-punt li suċċess jasal meta inti tħossok tajjeb għax agħmilt is-sew.

  Fiehem li ġieli tħossok tajba għax tkun għajjart, gdibt u ħadt tiegħek imma wara tħossok imdejjaq u li tħossok imdejjaq mhux suċċess.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Uri l-vidjow klipp ta' Charles Lwanga.
- Wara li l-istudenti jarawh staqsihom x'fehmu minn

  Dan il-klipp. Wara li joħorġu b'punti huma erġa spjega l-istorja fi kliemek billi tuża dawn il-punti:

  - Charles Lwanga kien mill-Uganda u kien jaħdem fil-palazz tar-re li kien ħażin u bla skruplu.
  - Hu kien ta' eżempju kbir għal sħabu u kien jgħallimhom li dejjem għandhom jobdu lil Alla u mhux lir-re.
  - Ir-re kien jirrabja meta beda jara li dawn ma kinux qed jobdu l-ordnijiet tiegħu u ddeċieda li min ma jobdix kellu jiġi maqtul.
  - Ġie maqtul flimkien ma ħafna minn sħabu billi ġie mitfugħ f'ħuġġieġa nar.



  - Huma kienu l-ewwel martri fl-Uganda.
  - Fil-ħajja rridu nkunu sodi u naħdmu biex is-sew u l-veru nibqgħu ngħidulu hekk, jiġri x'jiġri.

- Enfasizza s-sodizza u l-imħabba li kellu lejn Ġesù u lejn sħabu li baqa' sal-aħħar jinkoraġixxi u jagħmel il-qalb lil kulħadd.
- Iftaħ il- vidjow klipp ta' Jim Elliot u urih lit-tfal.
- Stieden lit-tfal joħorġu l-kwalitajiet ta' dan iż-żagħżugħ u oħroġ dawn il-punti:
  - Kien normali.
  - Kellu ħolma.
  - Kellu kuraġġ kbir u determinazzjoni li jasal.
  - Spiċċa l-lezzjoni billi ssemma d-diska God will make a way: http://www.youtube.com/watch?v=1zo3fJYtS-o

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Jim Eliot kellu ħolma li jaqsam il-Vanġelu ma' dawk li ma kinux jafuh.
2. Spiċċa l-Kulleġġ u mar fil-ġungla tal-Ekwador.
3. In-nies tat-tribù kienu nies suspettużi ħafna u għalkemm Jim u sħabu kienu juruhom imħabba b'kull mod, spiċċaw biex qatluhom.
4. Illum dan it-tribù huma ħbieb tal-familja ta' dawk li huma qatlu.
5. Jim kien jgħid hekk: *He is no fool who gives what he cannot keep to gain what he cannot lose.*



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



L-istudenti jitgħallmu jagħtu bil-ferħ minn dak li għandhom.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**



- Vidjo Klipp: Charles Lwanga, Jim Elliot
- Diska: God will find a way

**Nitolbu**



Għinna Ġesu' biex bħal dawn in-nies qaddisa jkollna l-kuraġġ li nħalluh taħdem fina b'mod li nibqgħu marbutin miegħek.